# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 744/2022/1 FDP**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**v.**

**Ludwig Calleja, indikat bħala Ludwig Callejja fil-kuntratti relattivi u martu Claire Calleja indikata bħala Claire Callejja fil-kuntratti relattivi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-bank attur kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' April, 2023, fejn din laqgħet it-talbiet tiegħu billi: (i) iddikjarat li l-konvenuti Calleja huma debituri solidali tal-bank attur fis-somma totali ta' €101,065.12 u b'hekk ikkundannathom iħallsuh din is-somma; (ii) ordnat li l-imgħax huwa

dovut fuq il-bilanċ ta' kapital li ngħata b'self lill-konvenuti bir-rata miftehma bejn il-partjiet; u (iii) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża, inkluż magħhom dawk tal-ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru, 2015 u tal-mandat ta' sekwestru li ġie ppreżentat flimkien mal-kawża, għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-12 ta' Awwissu, 2022, il-bank attur fisser li b'erba' kuntratti separati magħmula fl-1 ta' Awwissu, 2005, fit-2 ta' Ottubru, 2006 u fl-10 ta' Settembru, 2007 huwa sellef is-somom ta' €27,952.48, €33,775.91, €30,281.85 u €13,976.24 lill-konvenuti Calleja. Skont l-istess bank, wara xi snin jagħmlu pagamenti regolari fir-rigward tal-ammonti hawn fuq mislufa, il-konvenuti Calleja waqfu milli jħallsu lura d-dejn kif miftiehem f'dawn il-kuntratti u fl-ittri sanzjonarji li hemm mehmuża magħhom. Il-bank attur tenna li fil-11 ta' Diċembru, 2015 huwa sejjaħ lill-konvenuti b'ittra uffiċjali biex jagħmlu l-pagamenti li kienu waqgħu lura fihom; madankollu l-konvenuti ma tawhx widen.

3. Minħabba f'hekk, huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"(i) Tiddikjara illi l-konvenuti Ludwig u Claire Calleja, indikati fil-kuntratti fuq imsemmija bħala Callejja huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u tlett elef, disa' mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€103,998.48) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-3 ta' Awwissu 2022 sad-*

*data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mija u tlett elef, disa' mija u tmienja u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€103,998.48) bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-3 ta' Awwissu 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru 2015 (Ittra numru 4127/2015) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

4. Minkejja li l-konvenuti Calleja ġew notifikati bir-rikors maħluf tal-bank attur fit-23 ta' Jannar, 2023 permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, huma baqgħu ma ressqu l-ebda tweġiba u għalhekk fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2023 l-Ewwel Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi.

5. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' April, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża b'dan il-mod:

"***Tilqa'*** *t-talba kif dedotta u, konsegwentement:*

***Tiddikjara*** *illi l-konvenuti Ludwig u Claire Calleja, indikati fil-kuntratti fuq imsemmija bħala Callejja huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mitt elf u elf, ħamsa u sittin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€101,065.12) dovuta kif fuq spjegat.*

***Tikkundanna*** *lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mitt elf u elf, ħamsa u sittin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€101,065.12).*

***L-Imgħax*** *huwa dovut fuq il-bilanċ tal-kapital ta' kull wieħed mill-faċilitajiet bankarji illi jikkomponu l-ammont mitlub u hekk likwidat, kif indikat fin-nota tat-22 ta' Marzu 2023, bir-rata ta' mgħax ġa miftehma bejn il-partijiet.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru 2015*

*(Ittra numru 4127/2015) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti.*"

6. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

"*14. Jirriżulta, mill-provi, illi l-intimati ngħataw varji faċilitajiet bankarji mis-soċjetà rikorrenti, bdew ikunu irregolari fil-pagamenti mensili illi kellhom jagħmlu, tant illi s-soċjetà rikorrenti waslet sabiex għamlet il-proċeduri odjerni.*

*15. Jirriżulta illi, fil-mori tal-kawża, saru varji pagamenti da parti tal-intimati, bir-riżultat illi l-ammont mitlub ġie ridott minn €103,998.45 għal €101,065.12.*

*16. Jirriżulta illi, għalkemm l-intimati, fis-sottomissjonijiet tagħhom, jikkontendu illi l-azzjoni qatt ma messha ġiet intavolata, peress illi dejjem ħallsu, jirriżulta, mill-istatements eżebiti mis-soċjetà rikorrenti, illi, sa qabel inbdew il-proċeduri odjerni, il-pagamenti ma kinux regolari, għalkemm jidher illi kienu qed isiru, bir-riżultat illi l-intimati kienu qed jiksru l-kundizzjonijiet tas-self lilhom mogħtija.*

*17. Jirriżulta, għalhekk illi s-soċjetà rikorrenti kienet ġustifikata illi tagħmel l-azzjoni odjerna.*

*18. Jirriżulta, għalhekk illi ma hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba rikorrenti, kif ridotta permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Marzu 2023.*"

7. B'digriet mogħti fis-17 ta' Mejju, 2023, u wara talba mressqa mill-bank attur fit-8 ta' Mejju, 2023 skont l-**Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-Ewwel Qorti ċċarat li l-imgħax għandu jibda miexi mill-15 ta' Marzu, 2023 iżda kkonfermat li dan għandu jinħadem fuq il-bilanċ tal-kapital li l-bank attur kellu jiġbor lura mingħand il-konvenuti Calleja u mhux fuq l-ammont kollu ta' €101,065.12.

8. Il-bank attur appella minn din is-sentenza fil-25 ta' Mejju, 2023 u ressaq żewġ aggravji fejn fihom ilmenta mill-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ordnat li għandu jinħadem l-imgħax dovut lilu mill-konvenuti. B'mod partikolari huwa ma jaqbilx mal-ammont ta' flus li fuqu l-Ewwel Qorti ordnat li għandu jinħadem l-imgħax u mal-ordni tal-Ewwel Qorti li r-rata ta' mgħax għandha tkun dik miftehma bejn il-partijiet.

9. Il-konvenuti Calleja wieġbu għal dan l-appell fit-28 ta' Awwissu, 2023, u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn huma jemmnu li l-appell tal-bank attur għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Fl-**__ewwel aggravju__** tiegħu, il-bank attur jgħid li fir-rikors maħluf tiegħu huwa talab li jitħallas imgħax ulterjuri skont l-**Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili** fuq is-somma li hija dovuta lilu mingħand il-konvenuti Calleja. Itenni li dan l-imgħax għandu jinħadem mhux biss fuq il-bilanċ tal-kapital li għadu jrid jitħallas lura lilu mill-konvenuti Calleja, kif

iddeċidiet l-Ewwel Qorti, iżda wkoll fuq l-imgħax magħluq li laħaq inġema' fuq dak il-kapital, jiġifieri fuq is-somma totali ta' kapital u mgħax magħduda flimkien fl-ammont ta' €101,065.12. Fi kliem sempliċi, il-bank attur qiegħed jitlob li l-konvenuti Calleja ma jħallsux biss imgħax sempliċi iżda wkoll imgħax kompost fuq il-kapital li għadu dovut lilu minnhom.

12. Imbagħad, fit-**tieni aggravju** tiegħu, il-bank attur isostni li r-rata ta' mgħax li għandha tinħadem fuq is-somma ta' €101,065.12 m'għandhiex tkun dik ir-rata li ġiet miftehma bejn il-partijiet fil-kuntratti ta' self. Mod ieħor, huwa jisħaq li r-rata ta' mgħax għandha tkun dik ta' 8%, hekk kif hemm imniżżel fl-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**.

13. Fit-tweġiba tagħhom għal dawn l-aggravji l-konvenuti appellati jargumentaw li l-bank appellant qiegħed jitlob li jitħalla japplika mgħax kompost, b'rata ogħla mill-massimu ta' 8% li huwa permissibbli fil-liġi. Dan meta, dejjem skont il-konvenuti appellati, kemm il-liġi u kif ukoll il-kuntratti li hemm bejn il-partijiet, jagħtu lill-bank appellant il-jedd li japplika biss imgħax sempliċi fuq l-ammont li huwa dovut lilu mingħand il-konvenuti. Jissoktaw jisħqu li r-raġunament tal-bank appellant huwa wieħed konfuż għall-aħħar u li huwa ma jistax jippretendi li l-Qorti tagħmillu xogħlu u tikkalkulalu l-ammont li huwa dovut lilu. Jagħlqu billi jgħidu li l-appell tal-bank attur huwa fieragħ u li b'hekk huwa għandu jiġi

kkundannat iħallas spejjeż doppji għal din il-proċedura.

14. Iż-żewġ mistoqsijiet li jeħtiġilha twieġeb il-Qorti f'din is-sentenza huma x'aktarx sempliċi: (i) jistgħu jintalbu l-imgħaxijiet fuq l-imgħax?; u (ii) jekk iva, dawn b'liema rata għandhom jinħadmu?

15. Il-bank attur qiegħed isejjes it-talba tiegħu biex jitħallas l-imgħax ulterjuri fuq is-somma dovuta lilu mill-konvenuti Calleja, li tinkludi fiha l-imgħax, fuq l-**Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili**. Dan l-artikolu tal-liġi, li jippermetti l-ħlas tal-imgħax fuq imgħaxijiet oħra, jaqra hekk:

> *"L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena."*

16. Ma jidhirx li f'dan l-artikolu l-liġi qiegħda tagħraf bejn imgħax imnissel minn obbligazzjoni ta' natura kummerċjali minn imgħax imnissel minn obbligazzjoni ċivili. Dak li jiswa biex tali mgħax fuq l-imgħax ikun dovut huwa li: (i) irid dejjem ikun hemm talba b'att ġudizzjarju (sakemm ma jkunx jeżisti ftehim minn qabel li jipprovdi dwar imgħax bħal dan); u (ii) l-imgħax li dwaru jintalab l-imgħax irid ikun ilu dovut minn tal-anqas għal żmien ta' sena (ara ***Cecil Busuttil noe v. Alfred Spiteri Debarro*** maqtugħa mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Jannar, 1979, ***John Muscat et v. Maġġur Louis Radmilli et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2002, ***Costantino Abela***

***v. George Azzopardi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u ***Cecil Pace v. Emanuel A. Bonello C.P.A.A. et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014).

17. Hekk ukoll, l-**Artikolu 1850 tal-Kodiċi Ċivili** jħalli li f'self jista' jgħaddi l-imgħax fuq imgħaxijiet li jkunu ilhom magħluqa għal żmien ta' mhux inqas minn sena (ara ***Kevin Camilleri v. Malta Diary Products Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2023). B'hekk, dan l-artikolu tal-liġi jippermetti li l-imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet magħluqa jiġu kapitalizzati u sakemm ma jkunx hemm ftehim li jgħid mod ieħor, ir-rata ta' mgħax fuq l-imgħax hekk kapitalizzat għandha tkun dik legali (ara ***Tommaso Bugeja et v. Marietta Tonna*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 1944).

18. Dwar ir-rata ta' mgħax applikabbli, il-**Kodiċi Ċivili** tagħna jipprovdi għal regoli *ad hoc* f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntratt ta' self għall-konsum jew mutwu (bħal kif għandna fil-każ tagħna). Għalhekk huwa importanti li wieħed iħares lejhom ukoll.

19. Skont l-**Artikolu 1849 tal-Kodiċi Ċivili** ma hemmx imgħax għall-mutwu jekk dan ma jkunx miftiehem. Ifisser dan li s-self fih innifsu ma jġibx miegħu l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax sakemm il-partijiet ma jaqblux li għandu jitħallas l-imgħax fuq is-somma mislufa (ara ***Charles Desira v.***

***Emmanuela sive Lily Montebello*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007).

20. B'danakollu, l-istess **Artikolu 1849 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid ukoll li l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**, dwar il-ħlas ta' mgħax bit-8% minħabba dewmien tal-eżekuzzjoni għandu jidħol fis-seħħ biss jekk kemm-il darba min jissellef ma jroddx il-ħwejjeġ lilu mislufa fiż-żmien miftiehem. Dan l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili** jiddisponi li meta obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tagħha jikkonsistu f'imgħaxijiet li jinħadmu bir-rata ta' 8% fis-sena.

21. Ifisser għalhekk li skont l-**Artikolu 1849 tal-Kodiċi Ċivili** l-imgħax bit-8% minħabba dewmien biex jitħallas is-self huwa dovut taħt l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili** anke jekk il-partijiet ma jkunux qablu li għandu jitħallas l-imgħax fuq is-somma mislufa (ara ***Bernardo Galea nomine v. Carmelo Abdilla*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Novembru, 1894 u ***Annunziata Falzon v. Faustino Massa*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Frar, 1942).

22. X'jiġri jekk fil-kuntratt ta' mutwu jkun hemm ftehim dwar il-ħlas tal-imgħax?

23. F'każ li jkun hemm ftehim bejn il-partijiet li għandu jitħallas l-imgħax iżda ma jkunx intlaħaq ftehim dwar ir-rata ta' mgħax li għandha titħallas, il-liġi tgħid li l-imgħax dovut għandu jinħadem bil-5% fis-sena (ara l-**Artikolu 1854 tal-Kodiċi Ċivili** u ***Francesco Mifsud v. Leone Agius*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Marzu, 1958). Mill-banda l-oħra, f'każ li jkun sar ftehim dwar ir-rata ta' mgħax, għandha tapplika dik ir-rata hekk miftehma (ara flimkien l-**Artikoli 1850(1)** u **1854 tal-Kodiċi Ċivili** u s-sentenza fl-ismijiet ***Ġużeppi Axisa et v. Mark Belli et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' April, 2017).

24. Jekk iżda min ikun issellef jaqa' lura fil-ħlas u jiġi ordnat irodd lura s-somma mislufa kollha f'daqqa, allura dan jiġi espost għall-imgħaxijiet bit-8% minħabba dewmien fl-eżekuzzjoni taħt l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**, jekk kemm-il darba huwa jdum milli jrodd lura s-somma mislufa kollha f'daqqa. Fil-fatt ingħad mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza ***Joseph Mifsud v. Francesco Curmi*** deċiża fis-16 ta' Diċembru, 1940, li min jissellef għandu jħallas imgħax għal dewmien jekk jonqos milli jħallas is-self fiż-żmien miftiehem u dan l-imgħax għad-dewmien huwa pagabbli irrispettivament minn jekk l-imgħax kienx miftiehem jew le.

25. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, m'hemmx dubju li l-bank attur ressaq it-talba tiegħu għall-ħlas tal-imgħax fuq l-imgħax minħabba

dewmien fir-radd lura tas-self permezz ta' att ġudizzjarju, għaliex huwa ressaq din it-talba sewwasew fit-12 ta' Awwissu, 2022, permezz tar-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża.

26. L-imgħax li dwaru qiegħed jintalab l-imgħax kompost huwa dovut għal ferm aktar miż-żmien ta' sena għaliex dan beda miexi fis-sena 2015, jiġifieri wara li għadda t-terminu ta' ħmistax-il jum minn meta l-konvenuti Calleja rċevew l-ittra uffiċjali li biha huma ġew imsejħa biex iħallsu l-arretrati kollha dovuti minnhom lill-bank attur, u min-naħa tagħhom huma naqsu milli jagħmlu dan. B'hekk minn dakinhar l-ammont kollu misluf lilhom mill-bank attur sar kollu dovut lura f'daqqa.

27. Jgħid tajjeb, għalhekk, il-bank attur li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta hija ordnat li għandu jitħallas biss imgħax sempliċi fuq il-bilanċ ta' kapital li huwa għad fadallu jitħallas minn kull waħda mill-faċilitajiet bankarji li huwa kien ta lill-konvenuti Calleja, għaliex kif rajna, huwa kellu kull jedd li jitħallas ukoll l-imgħax ulterjuri skont l-**Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili**. Fid-dawl ta' dan, l-ewwel aggravju tal-bank attur qiegħed jintlaqa'.

28. Imiss issa li jiġi mistħarreġ jekk hijiex siewja t-talba tal-bank attur biex huwa jitħallas dan l-imgħax ulterjuri bir-rata ta' 8% skont l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**.

29. Din il-Qorti fliet kemm il-kuntratti li bihom il-bank attur ta l-erba' faċilitajiet bankarji ta' self lill-konvenuti Calleja u kif ukoll l-ittri sanzjonarji u l-kundizzjonijiet ġenerali tas-self li hemm mehmuża magħhom, u jirriżultalha li permezz ta' dawn il-kuntratti l-partijiet kienu laħqu ftehim dwar ir-rata ta' mgħax li għandha titħallas mill-konvenuti Calleja għal kull self mogħti lilhom mill-bank attur. Ir-rata ta' mgħax miftehma bejn il-partijiet hija partikolari u differenti għal kull faċilità bankarja li ngħatat lill-konvenuti Calleja.

30. Madankollu, dawn ir-rati ta' mgħax kienu japplikaw biss dment li l-konvenuti kienu qegħdin iħarsu l-kundizzjonijiet tas-self u jwettqu l-pagamenti kif miftiehem u b'mod regolari. Fil-każ tagħna, il-kuntratti tas-self u d-dokumenti li hemm mehmuża magħhom ma jsemmu xejn dwar liema rata ta' mgħax hija applikabbli f'każ li l-bilanċ misluf u l-imgħaxijiet li jkunu nġemgħu fuqu jsiru kollha dovuti lura lill-bank attur f'daqqa minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tas-self, b'mod partikolari n-nuqqas tal-konvenuti li jwettqu l-pagamenti fiż-żmien miftiehem.

31. B'hekk, ġaladarba f'dan il-każ il-konvenuti tilfu l-benefiċċju taż-żmien u darba wkoll li l-kuntratti ta' self ma jsemmu xejn dwar ir-rata ta' mgħax li hija applikabbli kemm-il darba jiġri dan, tidħol fis-seħħ r-rata ta' mgħax ta' 8% fis-sena skont l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili** f'każ ta'

dewmien biex jintraddu lura s-somom mislufa.

32. Isegwi b'hekk li l-bank attur huwa siewi meta jgħid li l-imgħax kompost għandu jitħallas lilu bir-rata ta' mgħax ta' 8% fis-sena skont l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili** u mhux bir-rata ta' mgħax miftehma bejn il-partijiet għal kull waħda mill-faċilitajiet bankarji li ngħatat lill-konvenuti Calleja. Meqjus dan, it-tieni aggravju tal-bank attur qiegħed jintlaqa' wkoll.

33. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti bit-tħaddim tal-**Artikoli 1139** u **1142 tal-Kodiċi Ċivili** sejra tordna lill-konvenuti Calleja biex iħallsu lill-bank attur l-imgħax kompost bir-rata ta' 8% fuq il-bilanċ ta' €101,065.12.

34. Dan l-imgħax kompost għandu jibda jitħallas mill-15 ta' Marzu, 2023, hekk kif ordnat l-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2023, ladarba ma sar l-ebda appell kontra dan id-digriet ta' kjarifika dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' HSBC Bank Malta p.l.c., u b'hekk tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi: (i) **<u>tikkonfermaha</u>** fejn iddikjarat li l-konvenuti Ludwig u

Claire Calleja huma debituri solidali ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma totali ta' €101,065.12 u b'hekk ikkundannathom iħallsu lill-bank din is-somma; u (ii) **tħassarha** fejn hija ordnat li l-imgħax huwa dovut fuq il-bilanċ ta' kapital li ngħata b'self lill-konvenuti Ludwig u Claire Calleja bir-rata miftehma bejn il-partijiet; u minflok **tordna** li l-imgħax ulterjuri skont l-**Artikoli 1139** u **1142 tal-Kodiċi Ċivili** għandu jitħallas mill-konvenuti Ludwig u Claire Calleja lil HSBC Bank Malta p.l.c. fuq is-somma ta' €101,065.12 bir-rata ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Marzu, 2023 'il quddiem.

L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti Ludwig u Claire Calleja.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr